



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-22 ta' Mejju 2018

L-Awdituri tal-UE biĥsiebhom jeżaminaw il-kura tas-saħħa transkonfinali

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed twestaq awditu dwar l-arranġamenti relatati mal-kura tas-saħħa transkonfinali fl-UE. L-awdituri se jeżaminaw il-monitoraġġ li l-Kummissjoni twestaq u l-appoġġ li hija tagħti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-aċċess għall-kura tas-saħħa transkonfinali, ir-riżultati li nkisbu sa issa għall-pazjenti, u l-effettività tal-qafas ta' finanzjament mill-UE u tal-azzjonijiet iffinanzjati. L-awditu se jkopri wkoll is-settur tas-Saħħa elettronika, fejn it-teknoloġija tal-informazzjoni tintuża biex tingħata kura tas-saħħa aħjar u biex tittejjeb is-saħħa taċ-ċittadini. Illum, l-awdituri ppubblikaw Dokument ta' Sfond dwar is-sistema tal-kura tas-saħħa transkonfinali fl-UE, bħala sors ta' informazzjoni għal dawk li huma interessati fis-suġġett.

Għan importanti tal-politika tas-saħħa tal-UE huwa li tiżgura li l-pazjenti jkollhom drittijiet ta' aċċess għal kura tas-saħħa sikura u ta' kwalità għolja - inkluż aċċess lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, ġewwa l-UE - kif ukoll li jkollhom id-dritt li jiġu rimborżati għal din il-kura. Dan huwa wkoll wieheċ mill-prinċipji tas-suq intern.

"Għalkemm il-biċċa l-kbira mill-pazjenti fl-UE jirċievu l-kura għal saħħithom f'pajjiżhom stess, f'xi sitwazzjonijiet il-kura li tkun l-aktar aċċessibbli jew l-aktar adatta tista' tkun disponibbli fi Stat Membru ieħor," qal Janusz Wojciechowski, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. "Dan iqajjem mistoqsijiet kumplessi għall-pazjenti, għas-sistemi tas-saħħa u għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa."

Is-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa jinsabu taħt pressjoni minħabba li l-popolazzjoni qed tixjieħ u minħabba r-restrizzjonijiet baġitarji li f'dawn l-aħħar 10 snin dejjem kibru. Fl-2016, il-persuni li kellhom 65 sena jew aktar kienu jirrappreżentaw 19.2 % tal-popolazzjoni tal-UE, żieda ta' 2.4 % meta mqabbel ma' 10 snin qabel. Fid-dawl ta' dawn il-bidliet demografiċi, huwa previst li dan il-perċentwal se jkompli jiżdied fis-snin li ġejjin, u possibbilment se jaggravaw l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa ġewwa l-UE.

L-awditu se jinkludi żjarat fid-Danimarka, fl-Iżvezja, fin-Netherlands, fl-Italja u fil-Litwanja. Ir-rapport huwa mistenni li jiġi ppubblikat matul l-ewwel sitt xhur tal-2019.

Noti lill-Edituri

Il-finanzjament li jingħata mill-UE għall-kura tas-saħħa transkonfinali jiġi primarjament mit-tieni (2008-2013) u mit-tielet (2014-2020) Programmi tas-Saħħa, li jirrappreżentaw inġuq medju ta' EUR 64 miljun kull sena fuq kwistjonijiet relatati mas-saħħa. Il-Programm tas-Saħħa jappoġġa "l-azzjonijiet rikjesti mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jew li jikkontribwixxu għaliha, fil-qasam tal-[...] kura tas-saħħa

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

eca.europa.eu

transkonfinali". It-tipi ta' azzjonijiet kofinanzjati jinkludu proġetti ta' kooperazzjoni fil-livell tal-UE, azzjonijiet meħuda b'mod konġunt mill-awtoritajiet tas-saħħa fl-Istati Membri, azzjonijiet relatati mal-funzjonament tal-NGOs u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Ir-rapport preċedenti li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri f'dan il-qasam, ir-Rapport Speċjali Nru 28/2016, "L-indirizzar ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa fl-UE: ittieħdu passi importanti iżda jeħtieġ li jsir aktar", ġie ppubblikat f'Diċembru 2016.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tad-dokument ta' sfond maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Id-dokument sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.